

A T T

ta' 2025

li jemenda l-Att dwar is-Saħħha Pubblika¹⁾

Artikolu 1. L-Att dwar is-Saħħha Pubblika tal-11 ta' Settembru 2015 (Ġurnal tal-Liġijiet [Dziennik Ustaw] tal-2024, punt 1670) huwa emendat kif ġej:

- 1) Il-Kapitolu 3b huwa mħassar.
- 2) Il-Kapitolu 3c li ġej jiżdied wara l-Kapitolu 3b:

“Kapitolu 3c

Il-kummerċjalizzazzjoni u t-tikkettar ta' xorb bil-kafeina jew bit-tawrina miżjudha

Artikolu 12o. Għall-fini ta' dan il-Kapitolu, xarba bil-kafeina jew bit-tawrina miżjudha għandha tiġi definita bħala xarba li hija oġġett tal-ikel, elenkata fil-Klassifikazzjoni tal-Prodotti u s-Servizzi Pollakka taħt il-Klassi 10.89 u t-Titolu 11, li fiha l-kafeina fi proporzjon li jaqbeż il-150 mg/l jew it-tawrina, eskuži s-sustanzi preżenti b'mod naturali f'dawn ix-xarbiet.

Artikolu 12p. 1. Il-kummerċjalizzazzjoni ta' xorb bil-kafeina jew bit-tawrina miżjudha għandha tkun ipprojbita:

- 1) lil persuni taħt it-18-il sena;
- 2) fil-bini tal-istituzzjonijiet edukattivi msemmija fl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2016 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2024, il-punti 737, 854, 1562, 1635 u 1933);
- 3) fil-magni tal-bejgħ.

2. F'każ ta' dubji dwar l-età tax-xerrej, il-bejjiegħ jista' jitlob li jara dokument li jagħti prova tal-età tax-xerrej.

¹⁾ Dan ir-Regolament ġie nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea fi [...] taħt in-Nru [...], skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kabinett tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar il-funzjonament tas-sistema nazzjonali għan-notifika ta' standards u atti legali (Ġurnal tal-Liġijiet, punt 2039 u l-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2004, punt 597) li jimplimenta d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Artikolu 12r. Il-produttur jew l-importatur ta' xarba bil-kafeina jew bit-tawrina miżjudha għandu jimmarka l-imballaġġ tal-unità tal-prodott bil-kliem "Xorb energizzanti" jew "Xorb enerġetiku" b'mod ċar, li jinqara u li ma jitħassarx."

- 3) Il-Kapitolu 4a huwa mħassar.
- 4) Il-Kapitolu 4b li ġej jiżdied wara l-Kapitolu 4a:

"Kapitolu 4b

Dispożizzjonijiet penali

"Artikolu 18d. 1. Kull min ibigħ xorb b'kafeina jew tawrina miżjudha bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12p(1) għandu jkun soġġett għal multa sa PLN 2 000.

2. L-istess sanzjoni għandha tīgħi imposta fuq maniġer ta' stabbiliment kummerċjali jew tal-catering li jonqos milli jikkonforma mal-obbligu ta' superviżjoni u b'hekk jippermetti li jitwettaq ir-reat imsemmi fil-paragrafu 1 f'dak l-istabbiliment.

3. Fil-każ li jitwettaq ir-reat imsemmi fil-paragrafu 1 jew 2, il-qorti tista' tordna sekwestru ta' xorb bil-kafeina jew tawrina miżjudha, anki jekk dawn ma jkunux il-proprietà tal-awtur ta' reat.

Artikolu 18e. 1. Kwalunkwe persuna li tiproduċi jew timporta xorb ippakkjat minn qabel bil-kafeina jew tawrina miżjudha li ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 12r għandha tkun soġġetta għal multa sa PLN 200 000 jew ordni ta' detenżjoni, jew it-tnejn.

2. Jekk l-att imsemmi fil-paragrafu 1 ikun twettaq fl-ambitu tal-attività kummerċjali tal-imprenditur, il-persuna responsabbi mill-produzzjoni jew mill-importazzjoni ta' xorb bil-kafeina jew tawrina miżjudha għandha titqies bħala l-awtur tar-reat.

Artikolu 18f. 1. L-aġġudikazzjoni fil-proċedimenti li jikkonċernaw l-atti msemmija fl-Artikolu 18d għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-24 ta' Awwissu 2001 — il-Kodiċi għall-proċedimenti f'kawżi ta' reati (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2024, il-punti 977 u 1544).

2. L-aġġudikazzjoni fil-proċedimenti li jikkonċernaw l-atti msemmija fl-Artikolu 18d għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tas-6 ta' Ġunju 1997 — Kodiċi ta' Proċedura Kriminali (Ġurnal tal-Liġijiet 2025, punt 46)."

Artikolu 2 L-Att għandu jidħol fis-seħħi fl-1 ta' Jannar 2026.